MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 692/2005

**Mobisle Communications Limited - C 24655**

**vs**

**Penza Tarmac Limited - C 22138**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hames t'elef, seba mija u wiehed u ghoxrin lira maltija u ghoxrin centezmu (Lm5721.20) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta konvenuta Penza Tarmac Limited lil Mobisle Communications Limited,

skond Client Contract Number 3247 in rigward ghal servizzi lila rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Jannar 2004 u Frar 2005;

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas, u dana anke permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Gunju 2005, is-socjeta konvenuta xorta wahda baqghet inadempjenti;

Illi l-fuq imsemmi ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess rapprezentant tas-socjeta' attrici jikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, u li fil-fehma ta' l-atturi, l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x' jaghtu;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid, in vista tal-premessi, ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 ta' Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundannha thallas lill-atturi s-somma ta' hames t'elef, seba mija u wiehed u ghoxrin lira maltija u ghoxrin centezmu (Lm5721.20) rapprezentanti ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici;

Bl-interessi dekorribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali;

Bl-ispejjez kontra is-socjeta' konvenuta li giet koll ingunta ghas-subizzjoni, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali fuq imsemmija u tal-mandat ta' sekwestruipprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li s-socjeta konvenuta debitamen notifikata naqset li tidher u naqset li tippresenta l-eccezzjonijiet taghha;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Marzu 2006;

Ikkonsidrat :

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi u fil-kontumacja tas-socjeta konvenuta :

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u b’hekk tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ hames t’elef, seba mija u wiehed u ghoxrin lira maltija u ghoxrin centezmu (Lm5721.20) ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u dana bl-interessi kif mitluba u bl-ispejjez kollha kontra is-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------